# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 14 ta' Jannar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 556/2024 JPG**

**Kawza nru.: 15**

**VG U CG**

**Vs**

**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 6 ta' Novembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-erbghatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) fil-Knisja Parrokjali ta' Birkirkara, u dan kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat bhala* ***Dokument A.***
2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-wild CG, nhar l-X.*
3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt minn Nutar Dottor Jacqueline Calleja datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) vera kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument B.***
4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment fir-rigward tal-partijiet, peress li fl-istess kuntratt hawn fuq imsemmi, u senjatament bis-sahha tal-Artikolu 4, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom illi jitlobu manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tal-wild C, kif jixhed l-istess kuntratt, ir-Ragel hallas il-manteniment bil-*

*quddiem fil-forma ta' lump sum payment, u dana billi sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti gie ridott sabiex jaghmel tajjeb ghal tali hlas.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi illum huma legalment separati minn xulxin, il-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. In fatti, is-separazzjoni de facto ta' bejn il-partijiet sehhet f'April ta' din is-sena, u dan kkonfermat miz-zewg partijiet fl-affidavits rispettivi taghhom.*
6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qeghdin jannettu l-affidavit taghhom, ma dan ir-rikors, mmarkati bhala* ***Dokument C*** *u* ***Dokument D*** *rispettivament.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

A. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn l-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
B. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CG xehdet (vide affidavit fol 16)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-erbghatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li minn dan iz-zwieg twieldet wild li illum

maggorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Ottubru tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) fl-atti tan-Nutar Dr Jacqueline Calleja. Ziedet tghid ukoll li sseparaw de facto minn xulxin minn April tas-sena 2024. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment. Huma t-tnejn ghandhom hajja separata u indipendenti minn xulxin.

**VG xehed (vide affidavit Fol 17)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l- erbghatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) liema zwieg jgib certifikat numru 1424/2004 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet wild li illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jacqueline Calleja nhar l-25 ta' Ottubru 2024 (Vide fol 4 et seqq.). Huma ilhom de facto separati minn April 2024. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1424/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**